**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' l-Għasri**

**It-Tmien Leġislatura**

**Laqgħa Nru. 59**

It-Tnejn 11 ta' Diċembru, 2023

Il-Kunsill Lokali ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Daniel Attard | - Sindku |
| | Is-Sur Emanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| | Is-Sinjuri Salvatore Felice Pace | - Kunsillier |
| | Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - Kunsillier |
| | Is-Sur Sammy Saliba | - Kunsillier |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

Is-Sur Silvio Xerri - Aġent Segretarju Eżekuttiv

## 59.1 Talba

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Daniel Attard.

## 59.2 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

59.2.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 59.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

59.3.1 Il-minuti tal-laqgħa numru 58 ġew ċirkulati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew approvati unanimament.

## 59.4 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza

59.4.1 Il-Kunsill irċieva *email* mingħand id-DLG sabiex timtela' formola relattiva għall-varjazzjonijiet relatati max-xogħol ta' Triq Wied Sara.

## 59.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

59.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillera.

## 59.6 Milied 2023

59.6.1 Persuna li qed tieħu ħsieb il-presepju li sar fil-pjazza talbet sabiex tinxtara biċċa drapp u l-kunsilliera qablu li tali drapp għandha tinxtara.

59.6.2 Rigward l-attivitajiet relatati mal-Milied, ġie kkonfermat li kollox ser isir kif skedat u ċioe fit-22 ta' Diċembru 2023 fis-7:00pm, ser tittella l-play; fit-23 ta' Diċembru 2023 ser issir l-attivita' ta' Father Christmas fejn ser jiġu mqassma r-rigali lit-tfal; fl-24 ta' Diċembru 2023 ser jitqassmu l-hampers u fil-25 ta' Diċembru 2023 ser jitqassam l-ikel lill-anzjani.

## 59.7 Proġetti Kunsill

59.7.1 B'referenza għall-*email* li rċieva l-Kunsill mingħand id-DLG sabiex timtela' formola relattiva għall-varjazzjonijiet relatati max-xogħol ta' Triq Wied Sara. Il-Kunsilliera qablu li għandu jiġi mitkellem il-Perit Mario Cordina, sabiex tali formola timtela' u tintbagħat lura lid-DLG għall-approvazzjoni.

## 59.8 Draft Baġit 2024

59.8.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv nforma lill-membri illi sakemm saru l-preparamenti għal din il-laqgħa l-allokazzjoni finanzjarja kienet għada ma ntbagħtitx.

## 59.9 Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv

59.9.1 Il-Kunsilliera qablu li s-Segretarji Eżekuttivi li okkupaw il-pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv għal din is-sena għandhom jieħdu l-massimu.

## 59.10 Materji Oħra

59.10.1 Resident ippropona li jsir *mobile toilet* f'Wied l-Għasri, qabel ma tinżel għall-bajja. Il-Kunsilliera qablu li tali proposta mhix prattika.

59.10.2 Il-Kuntratt tal-*cleaner* li tieħu ħsieb il-latrini pubbliċi skada u għalhekk ġie propost li jinħareġ *tender* ieħor sabiex tiġi mqabbda persuna sabiex tieħu ħsieb it-tindif tal-latrini pubbliċi.

59.10.3 Il-Kunsilliera qablu li għandu jinħareġ avviż sabiex jkunu jistgħu jintużaw l-e-bikes, u dan skont termini u kundizzjonijiet li għandhom jiġu miftehma ma min ikun ser japplika għall-użu tal-e-bikes.

59.10.4 Il-Kunsill qabel illi għandha tiġi ċċekkjata l-pożiżżjoni tax-xogħol tal-librara li fil-mument qed tagħmel ukoll xogħol ta' skrivana.

59.10.5 Il-Kunsill ġie avviċinat sabiex jagħti donazzjoni għall-festa però l-kunsilliera ma qablux ma tali proposta peress li l-kunsill ma jistax jagħmel dan. Il-Kunsill qabel unanimament illi jekk ikun hemm il-ħtieġa ta' xi servizz jiġi diskuss u approvat mill-Kunsill.

59.10.6 Il-Kunsillier Sammy Saliba semma' li waqt laqgħa tal-festa ssemma' l-kwistjoni tal-innu tal-festa, iżda l-Kunsill qal li fil-kompetenza tiegħu.

## 59.11 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti

59.11 Ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti numru 8-56.

## 59.12 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

59.12.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8:30 ta' filgħaxija. Sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ġimgħa 26 ta' Jannar, 2024 fis-7:00 ta' filgħaxija.

Ikkonfermati l-Ġimgħa, 26 ta' Jannar 2024

| | |
|---|---|
| **Dr. Daniel Attard** | **Silvio Xerri** |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** |